**A.L. 85 ta' l-2008**

**ATT DWAR IS-SIGURTÀ FL-IKEL**
**(KAP. 449)**

**Regolamenti ta' l-2008 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Dolċifikanti għall-Użu f'Oġġetti ta' l-Ikel**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10 ta' l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel, il-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2008 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Dolċifikanti għall-Użu f'Oġġetti ta' l-Ikel, u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2005 dwar Dolċifikanti għall-Użu f'Oġġetti ta' l-Ikel, hawn aktar 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali".

Titolu u bidu fis-seħħ.

A.L. 30 ta' l-2005.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fil-15 ta' Frar, 2008.

**2.** (1) Regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti jimplimenta d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/128/KE tat-8 ta' Diċembru, 2006.

Skop.

(2) Regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti jimplimenta d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 95/2/KE dwar l-addittivi ta' l-ikel għajr kuluri u sostanzi li jagħtu ħlewwa u tad-Direttiva 94/35/KE dwar is-sustanzi li jagħtu ħlewwa għall-użu f'oġġetti ta' l-ikel, tal-5 ta' Lulju, 2006:

Iżda mill-15 ta' Frar 2008, għandu jitħalla jsir il-kummerċ u l-użu ta' prodotti li huma konformi ma' dawn ir-regolamenti u l-kummerċ u l-użu ta' prodotti li m'humiex konformi ma' dawn ir-regolamenti hu projbit; madankollu, prodotti mqiegħda fis-suq jew li ġew ittikkettjati qabel il-15 ta' Awissu 2008 li ma jkunux konformi ma' dawn ir-regolamenti jistgħu jiġu kummerċjalizzati sakemm jispiċċaw il-ħażniet kollha.

Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

**3.** Fir-regolament 1.3(b) tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "u 2001/52/KE" għandhom jidħlu l-kliem "2001/52/KE u 2006/128/KE".

Jemenda l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**4.** Fl-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-partiti E 420 sa E 967, għandhom jiżdiedu fl-ewwel u fit-tieni kolonna rispettivament tar-ringiela l-partita "E 968" u l-kelma "Eritritol".

**L.N. 85 of 2008**

# FOOD SAFETY ACT
# (CAP. 449)

## Sweeteners for use in Foodstuffs (Amendment) Regulations, 2008

IN exercise of the powers conferred by article 10 of the Food Safety Act, the Minister of Health, the Elderly and Community Care has made the following regulations:-

**1.** (1) The title of these regulations is the Sweeteners for use in Foodstuffs (Amendment) Regulations, 2008, and they shall be read and construed as one with the Sweeteners for use in Foodstuffs Regulations, 2005 hereinafter referred to as "the principal regulations". Citation and coming into force. L.N. 30 of 2005.

(2) These regulations shall come into force on the 15th February, 2008.

**2.** (1) Regulation 3 hereof implements the provisions of Commission Directive 2006/128/EC of the 8th December, 2006. Scope.

(2) Regulation 4 hereof implements the provisions of Directive 2006/52/EC of the European Parliament and of the Council amending Directive 95/2/EC on food additives other than colours and sweeteners and Directive 94/35/EC on sweeteners for use in foodstuffs, of the 5th July, 2006:

Provided that as from the 15th February, 2008, trade in and use of products complying with these regulations shall be permitted and trade in and use products which do not comply with these regulations shall be prohibited; however products placed on the market or labelled before the 15th August 2008 which do not comply with these regulations may be marketed until stocks are exhausted.

**3**. In regulation 1.3(b) of the principal regulations, for the words "and 2001/52/EC" there shall be substituted the words "2001/52/EC and 2006/128/EC". Amends regulation 1 of the principal regulations.

Amends the Schedule to the principal regulations.

**4.** In the Schedule to the principal regulations immediately after items E 420 to E 967, there shall be added in the first and second columns thereof respectively the item "E 968" and the word "Erythritol".

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*
Prezz/*Price*
€0.19 (Lm0.08)